TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1198

KAZ NRU. 1480

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Ramona Briffa

u

VF (Malta ) Limited.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 7 ta' Mejju 2001

Chairman : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 25 ta' Ottubru 2000 b'referenza MSP/TI/70/2000 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 6 seduti.

Ramona Briffa, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Carmelo Grima u VF (Malta) Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata mis-Sur Joe Pace assistit mill-Avukat Joseph J. Vella.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qalet li kienet ilha tahdem mal-Kumpanija madwar 6 snin bhala "machine operator" u fl-ahhar sentejn giet imgieghla tahdem fuq zewg magni f'daqqa li kien qieghed jaghmillha hsara f'sahhitha. Hi talbet biex jinbidlilha x-xoghol izda l-Kumpanija ma accettatx. Ziedet li wara li tkellmet f'laqgha ghall-haddiema fis-sens li l-Foreman u s-Supervisor ma jimxux l-istess ma kulhadd bdew jinghatawlha "warnings" li ma kienetx qed taghti l-produzzjoni mistennija u tigi mhedda bi tkeccija. Fis-sottomissjonijiet finali sostniet li kien qed isir "harassment" psikologiku w ikkontestat il-validita tal-"warnings" li nghatat.

Il-Kumpanija ssottomettiet li t-tkeccija saret ghal raguni tajba u sufficienti skond il-ligi billi l-appellant kienet giet imwissija f'diversi okkazzjonijiet dwar nuqqasijet fuq ix-xoghol. L-appellant kienet inghatat tlett twissijiet bil-miktub, u skond il-Ftehim Kollettiv, dan jaghti d-dritt lill-Kumpanija li tittermina mpieg.

Waqt it-trattazzjoni tal-kaz, mix-xhieda u mid-dokumenti, rrizulta li :

a) spetturi tal-Health & Safety Section tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg li ntalbu jezaminaw il-kundizzjonijiet tax-xoghol fejn operaturi kienu mqabbda jahdmu fuq zewg magni ma sabu xejn hazin jew ta' periklu u tfajliet ohra fuq l-istess xoghol ma kellhomx ilmenti ;

b) tabib li rrikorriet ghandu l-appellant ma sabx li sofriet xi hsara fizika f'sahhitha minhabba x-xoghol li nghatat ;

c) ma saretx xi vessazzjoni fuq l-appellant jew li din giet vittimizzata ;

d) il-produzzjoni taghha ghal 11- il gimgha qabel ma gie terminat l-impieg kienet sostanzjalment anqas mill-"unit hour" stabbilit ;

e) il-kumpanija ggustifikat il-"warnings" li nghataw lill-appellant.

It-Tribunal, wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kas, jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg saret skond it-termini tal-Ftehim Kollettiv u ghal raguni tajba w sufficienti skond il-ligi.

It-Tribunal jinnota li l-problemi ta' l-appellant irrizultaw meta nghatat xoghol fuq zewg magni f'daqqa u jittama li principali ohrajn ma jirrifjutawx li jimpjegawha fuq xoghol fejn ma hemmx htiega li tintuza aktar minn magna wahda fl-operazzjoni. L-appellant ghandha eta zghira u jixraq li tinghata opportunita ohra.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona

Chairman

Emma Muscat

A/Segretarja.